MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 39/1987/1

**France Abela**

**Vs**

**Joseph Scicluna**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut kien inkariga lil-attur bl-appalt ta' bini u kostruzzjoni gewwa Wied il-Ghajn, liema appalt gie terminat mill-istess konvenut;

Premess illi x-xoghol li sar mill-attur gie imkejjel u valutat mill-Perit Piju Busuttil fis-somma ta’ elf sitta u erbghin lira, dsatax-il centezmu u hames millezmi (Lm1046.19,5) mil-liema somma, l-attur hallas biss is-somma ta’ sitt mija u hamsin lira (Lm650) u ghalhekk illum fadal bilanc ta’ tlett mija sitta u disghin lira, dsatax-il centezmu u hames millezmi (Lm396.19,5);

Premess illi, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-attur ghamel xi xoghlijiet ohra zghar li ma gewx inkluzi fl-istima fuq imsemmija, liema xoghlijiet huma stmati fis-somma ta’ mija u sittax-il lira u hamsa u sebghin centezmi (Lm116.75), inkluzi xi spejjez;

Premess illi ghalhekk b’kollox il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ hames mija u tnax-il lira Maltija, erbgha u disghin centezmi u hames millezmi (Lm512.94,5);

Premess illi ghalkemm mitlub biex ihallas il-konvenut baqa’ sallum inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvneut ihallas lill-attur is-somma totali ta’ hames mija u tnax-il lira Maltija, erbgha u disghin centezmi u hames millezmi (Lm512.94,5) dovuti kif fuq spjegat;

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-kont tal-perit Piju Busuttil u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi x-xoghol maghmul mill-attur kien difettuz, kontra s-sengha u l-arti u inoltre kontra l-ftehim li sar bejn il-partijiet u ghalhekk t-talba atturici ghandha tigi michuda;

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti skond il-ftehim firmat nofs l-ammont dovut kellu jithallas sena wara li jispicca x-xoghol u din is-sena ghadha ma ghaddietx u ghalhekk l-attur messu talab li jinhall mill-kundizzjonijiet ta' l-iskrittura privata (Dokument A) u ghalhekk it-talba attrici hija intempestiva u l-eccipjenti ma ghandu jbaghti spejjez;

3. Illi minhabba x-xoghol hazin u kontra s-sengha u l-arti l-eccipjenti kellu jqabbad kuntrattur iehor biex jirrangalu x-xoghol hazin u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi ridotta skond id-danni sofferti;

4. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet moghti fil-5 ta' Gunju 1987 li permezz tieghu gie nominat AIC Michael Angelo Refalo bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku li tinsab a fol 56 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-6 ta' Frar 1998;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula mid-difensur ta' l-attur fid-9 ta' Lulju 1999, kif ukoll in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut pprezentata fid-9 ta' Dicembru 1999;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F’din l-azzjoni l-attur qed jippretendi l-hlas tal-bilanc ghal xoghlijiet minnu ezegwiti f’Wied il-Ghajn fuq inkariku tal-konvenut. Dawn ix-xoghlijiet kienu pattwiti skond il-ftehim datat 15 ta’ Settembru 1986 (fol. 11);

Il-konvenut oppona t-talba attrici bl-eccezzjonijiet li x-xoghlijiet ezegwiti ma sarux skond l-arti u s-sengha u kienu difettuzi. Inoltre eccepixxa wkoll l-intempestivita` ta’ l-azzjoni fuq il-premessa li gjaladarba l-ftehim kien jipprovdi li nofs il-hlas isir sena wara, u din is-sena ma kienetx ghadha skorriet, l-attur messu talab il-hall tal-ftehim;

Jirrizulta inkontestat f’dan il-kaz li kien hemm adempiment parzjali da parte ta’ l-attur tax-xoghlijiet lilu kommissjonati mill-konvenut;

Il-kuntrast bejn il-kontendenti fuq dan il-punt taggira fuq il-konsiderazzjoni jekk in-nuqqas tat-tkomplija ta’ l-ezekuzzjoni kienx dovut ghal xi att volontarju ta’ l-attur qua appaltatur jew kienx invece espressjoni ta’ volonta` da parte tal-konvenut kommittent, li fi kliem il-ligi ex Artikolu 1640 tal-Kapitolu 16, “seta’ jholl meta jrid il-kuntratt.” Jew ukoll ghal motiv ta’ inadempjenza kontrattwali da parte ta’ l-appaltatur;

Tajjeb li jigi rilevat illi dan it-tieni motiv jiddistingwi ruhu minn dak ta’ l-ewwel f’dan is-sens. Fejn il-kommittent jittermina l-appalt sempliciment in virtu tal-fakolta` lilu koncessa bl-imsemmi Artikolu 1640, l-appaltatur mhux biss ghandu dritt ta’ azzjoni ghall-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu izda wkoll somma ghall-qliegh li jkun tilef (Artikolu 1640(2)). Jekk imbaghad tezisti raguni valida li tista’ tigi attribwita lill-appaltatur dan id-dritt ghall-qliegh ma jkunx intitolat ghalih (Artikolu 1640(3));

Issa fil-verita fil-kaz in ezami l-attur-appaltatur mhux qed jiddomanda somma li tekwipara ghall-qliegh li seta’

jaghmel izda biss il-hlas tal-bilanc ghax-xoghlijiet minnu ezegwiti;
F'kull kaz il-perit-relatur jattribwixxi l-waqfien mix-xoghol ta' l-attur ghar-raguni minnu dettaljata f'paragrafu 27 tar-rapport u cioe` li meta l-attur talab akkont iehor ta' hlas il-konvenut irrifjuta jaghmel dan. In bazi ghal konsiderazzjonijiet ben motivati l-istess perit tekniku eskluda l-allegazzjonijiet tal-konvenut dwar theddid da parte ta' l-attur jew li riedu jirranga l-izbalji qabel ikompli;

Mill-fatti li ssuccedew bejn il-kontendenti jigifieri l-inkarigu moghti lil perit inkarigat mix-xoghlijiet biex dan ikejjel u johrog il-kont juri manifestament li l-partijiet kienu lahqu qbil li l-appalt jigi mitmum, u dan bl-accettazzjoni u l-konsapevolezza tat-tnejn;

Li kieku tabilhaqq il-konvenut ma kellu l-ebda skop li jbiddel lill-kuntrattur, kif hekk xehed fis-seduta tal-25 ta' April 1997 quddiem il-perit tekniku il-ligi kienet tipprovdilu r-rimedju li jgieghel lill-attur inadempjenti jesegwixxi l-obbligazzjoni kontrattwali li kien indahal ghaliha. Dan bis-setgha li jaghtih l-Artikolu 1069(1) tal-Kodici Civili, kompriz ir-rimedju addizzjonali sancit fl-Artikolu 1127 tal-Kapitolu 16. Ara decizjonijiet fl-ismijiet "**Hans Jack Carteldge pro et noe –vs- Albert Cassar et noe**", Appell Kummercjali, 8 ta' Jannar 1979; "**Joseph Galea –vs- Alfred Cardona et**", Appell Kummercjali, 4 ta' Awissu 1992;

Ghall-istess identika raguni fuq riportata u kif hekk stabbilit mil-ligi "jekk l-applatant ihoss ruhu mahlul mill-ftehim u jqabbad persuna ohra biex tkompli l-ezekuzzjoni ta' l-appalt, ikun hu li, ghax ma jkunx irrikorra ghall-ministeru tal-Qorti biex din tiddikjara xjolt l-appalt, xolja l-kuntratt *ad nutum*, u allura huwa jaqa' taht l-imsemmija disposizzjoni, u jkun suggett biex jezegwixxi dawk l-obbligi prevvisti mil-ligi favur l-appaltatur" – "**Carmelo Cassar –vs- Alfonso Maria Pace**", Appell Civili, 14 ta' Dicembru 1962;

Kif gja muri jidher li l-kontendenti, tajjeb jew hazin, accettaw li l-ftehim jigi terminat u dan jispjega l-fatt li l-konvenut ghadda biex jinkariga lill-kuntrattur iehor.

Jispjega anke il-fatt li l-attur bhala appaltatur ma nsistiex ukoll ghat-telf tal-profitti;

Una volta din hi l-indikazzjoni u spjega l-aktar plawsibbli skond il-fatti konnoxxuti, jigi li l-partijiet kontraenti ma baqawx vinkolati bil-ftehim konkjuz bejniethom skond l-iskrittura tal-15 ta’ Settembru 1986;

Il-patt dwar il-modalita` tal-pagamenti kien ikollu biss effett *rebus sic stantibus*. Dan fis-sens li l-volonta` tal-kontraenti flil-mument tal-kontrattazzjoni kienet determinanta mill-presuppost tal-kontinwata ezekuzzjoni ta’ l-appalt. Invece meta l-konsegwibilita` ta’ l-ezekuzzjoni, ma tkunx possibbli ghal xi fatt sopravenjenti, in-negozju guridiku intervenut bl-istipulazzjoni kontrattwali ma jibqalu l-ebda effikacja;

Konsegwentement l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut illi l-azzjoni ta’ l-attur hi intempestiva ghar-raguni li l-perjodu kontrattat ghall-esigwibilita` tal-hlas kien ghadu ma iddekorriex ma tistax, una volta maghrufa c-cirkostanzi, ikollha validita` u l-hlas bilancjali reklamat jibqa’ dovut minghajr il-htiega ta’ stennija tad-dekors taz-zmien jew tat-talba preventiva tal-hall tal-kondizzjonijiet kontrattwali;

Ma jirrizultax illi l-konvenut issolleva l-kwistjoni ta’ l-intempestivita` fil-kuntest li x-xoghol ma giex ezegwit sewwa mill-attur;

F’sitwazzjoni konsimili hi gurisprudenza pacifika illi fejn id-difett fil-lavorazzjoni jkun ta’ certu gravita` u jaffettwa l-kwazi generalita` tax-xoghol intraprez, allura l-attur bhala kuntrattur ma jkollux dritt jesigi l-hlas tax-xoghol li jkun indahal ghalih qabel ma jkun ghamel ir-rimedji necessarji ghax-xoghol kwalifikat bhala difettuz. Ara *in subjecta materja* decizjonijiet fl-ismijiet “**Carmelo Mallia –vs- Ivan John Fonk**”, Appell Civili, 24 ta’ Jannar 1975; “**Francis Spiteri noe –vs- Emanuele Cassar**”, Appell Civili, 14 ta’ Marzu 1975; “**Salvu Guillaumier et noe –vs- A. Borg Cardona**”, Appell Kummercjali, 1 ta’ Marzu 1988, fost bosta ohrajn;

Anke kieku pero` giet imqajjma eccezzjoni bhal din l-istess ma kienx ikollha bazi ghas-sostenn taghha fil-kaz *de quo*. Dan ghar-raguni duplici;

Fl-ewwel lok ma jidherx mir-rizultanzi teknici illi n-nuqqasijiet fix-xoghol esegwit huma tant gravi. Meta dan hu hekk u d-difetti ma jkunux sostanzjali l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, pero` jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni ("**Angelo Busuttil –vs- Pio Fedele et**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef M. Caruana Curran, 9 ta' April 1968;

Fit-tieni lok il-konvenut ghazel *sua sponte* li jkompli x-xoghlijiet permezz ta' kuntrattur iehor u kien dan li jew ghamel ir-riparazzjoni jew issokta fuq li kien hemm;

F'tali cirkostanzi kull intempestivita` li setghet tkun invokata ma kienx ikollha fondament fid-dritt kif espress mill-gurisprudenza citata *supra*;

Minn dak verifikat mill-perit tekniku irrizulta effettivament li certu xoghol ma sarx konformement mas-sengha u l-arti. Huwa illimita ruhu ghal zewg aspetti ta' din il-kwistjoni kif evidenzjat f'paragrafu 41 u paragrafu 55 tar-relazzjoni tieghu. Nuqqasijiet riskontrati relattivament ghall-hajt fil-faccata, fejn kien mehtieg irdubblar u introduzzjoni ta' ktajjen biex jorbot iz-zewg qoxriet, u fil-pedamenti, fejn kien necessitat bini ta' hajt mal-pedamenti ghal tul ta' erbgha u ghoxrin pied (24') b'gholi ta' disa' filati;

Il-konkluzjoni tal-perit gudizzjarju f'dan ir-rigward, hekk kondiviza minn dina l-Qorti, kienet illi l-konvenut kien gustifikat fl-ilmenti tieghu fl-ambitu tan-nuqqasijiet appena rilevati u ghalhekk l-ammont pretiz mill-attur kien jimmerita tnaqqis ta' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija, hamsa u hamsin centezmu (Lm147.55,0).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi takkolji t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tliet

mija u hamsa u tmenin lira Maltija, disgha u tletin centezmu u hames millezmi (Lm385.39,5) bilanc ta' appalt ezegwit mill-attur fuq inkarkiku tal-konvenut, bl-interessi dekorribbli mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (27 ta' Mejju 1987).

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur u tlett kwarti (3/4) mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------